# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa**
**Disgħa u għoxrin (29) ta' Settembru 2021**

**Rikors Numru 307/2008 FDP**

Fl-ismijiet

**Michael u Mariella miżżewġin Spiteri, karta tal-identita rispettiva 525858(M) u 579658(M)**

**Vs**

**Portek International Limited u bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw is-soċjeta' estera ġiet appuntata s-soċjeta' Valletta Gateway Terminals Limited fis-7 ta' Lulju 2009, TF Shipping Agencies Limited (C 35423), Valletta Gateway Terminals Limited (C 38888) u Sylvan Fenech.**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 14 ta' Mejju 2009, li permezz tiegħu r-rikorrenti talab is-segwenti:

   1. *Premess li l-attur Michael Spiteri kien informa lil TF Shipping Agencies Limited illi seta' jkun hemm interess da parti ta' Portek International Limited għal expression of interest illi kienet ħarġet mill-Gvern ta' Malta u mill-Awtorita' Marittima ta' Malta għal immaniġjar tal-cargo handling terminal fil-Port il-Kbir, TF Shipping Agencies Limited u in partikolari Sylvan Fenech kien aċċetta illi l-attur Michael Spiteri jagħmel l-ewwel*

*kuntatt magħhom sabiex jitkellem magħhom f'isem l-istess TF Shipping Agencies Limited;*

2. *Premess illi l-attur minbarra illi ħa ħsieb biex isir dak kollu neċessarju fl-interess tal-konvenuti biex Portek International Limited ikunu jistgħu jissottomettu din l-expression of interest, sabiex finalment, kif fil-fatt ġara huma akkwistaw dan it-tender għal cargo handling terminal u għalhekk ġiet iffurmata s-soċjeta' Valletta Gateway Terminals Limited, proprju għal dan l-iskop, huwa wkoll irrenda serviġi oħra billi kien personalment assistihom f'kull pass sabiex isir dan il-ftehim;*

3. *Illi permezz tas-serviġi reżi mir-rikorrenti l-konvenuti waslu biex ġew assenjati l-imsemmi tender u għalhekk illum joperaw il-'cargo handling' tal-Port tal-Belt Valletta bħala Valletta Gateway Terminals Limited taħt 'concession agreement' mal-Awtorita' Marittima ta' Malta u l-Gvern ta' Malta, liema ftehim ġie ffirmat f'Ġunju 2006;*

4. *Illi l-konvenuti Portek International Limited kienu wkoll ddikjaraw fl-1 ta' Marzu 2006 Dok MSI illi filwaqt illi kienu qegħdin jirrikonoxxu s-servizzi illi l-attur kien irrenda, kienu wkoll ddikjaraw illi fil-każ illi din it-tender tiġi assenjata lilhom, kif fil fatt seħħ, l-attur kellu jifforma parti mit-team tagħhom;*

5. *Premess illi l-istess konvenuti għalkemm interpellati b'ittra uffiċjali datata 26 ta' Novembru 2007 Dok MS2 sabiex jersqu għal likwidazzjoni u ħlas ta' l-imsemmija serviġi lilhom reżi mill-attur baqgħu inadempjenti.*

*Għaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

i) *Tillikwida s-servizzi reżi lil konvenuti mill-attur Michael Spiteri f'eżekuzzjoni tal-inkarigu lilu mogħti meta l-attur ħa ħsieb illi jlaqqa' lil Portek International Limited ma' TF Shipping Agencies Limited sabiex Portek International Limited tkun tista' tissottometti 'expression of interest' għal operat ta' cargo handling tal-Port tal-Belt Valletta;*

ii) *Tikkundanna lill-istess konvenuti jħallsu lill-atturi s-somma hekk likwidata.*

*Bl-imgħax mid-data tal-ittra uffiċjali datata 26 ta' Novembru 2007 u bl-ispejjeż inklużi dawk tal-imsemmija ittra uffiċjali, kontra l-konvenuti.*

2. Rat illi fit-28 ta' April 2008, Sylvan Fenech laqa' għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiżi:

(i) *Illi preliminarjament l-esponent għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju stante li fl-ebda mument ma aġixxa f'ismu personalment*

*iżda kien qed jaġixxi f'isem TF Shipping Agencies Limited fuq mandat speċjali tal-istess soċjeta';*

(ii) *Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt;*

(iii) *Illi l-esponent qatt ma kien parteċipi għal xi allegat ftehim bejn l-attur Michael Spiteri u s-soċjeta' konvenuta l-oħra Portek International Limited rigwardanti kumpens jew serviġi reżi u għalhekk huwa totalment estraneu għall-istess;*

(iv) *Illi fil-fatt ma hemm ebda kunpens għal serviġi dovuti lill-atturi da parti tal-esponent;*

(v) *Illi inoltre l-attur qatt ma ġie inkarigat mill-esponenti sabiex jagħtiha xi servizz u lanqas intrabat mal-esponenti sabiex jipprestalu xi servizz;*

(vi) *Illi mingħajr preġudizzju mhuwiex minnu li kien permezz tas-serviġi allegatament reżi mill-attur li llum is-soċjeta' konvenuta Valletta Gateway Terminals Limited qed topera l-cargo handling tal-Port tal-Belt Valletta;*

(vii) *Illi mingħajr preġudizzju l-attur għandu jressaq prova dwar effettivament x'servizzi rrenda lill-esponenti;*

(viii) *Salv eċċezzjonijiet oħra premessi mil-liġi.*

3. Rat illi fit-28 ta' April 2008, is-soċjeta' intimata TF Shipping Agencies Limited laqgħet għal dak mitlub billi qajjmet is-segwenti difiżi:

(i) *Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess atturi;*

(ii) *Illi s-soċjeta' esponenti qatt ma kienet parteċipi għal xi allegat ftehim bejn l-attur Michael Spiteri u s-soċjeta' konvenut l-oħra Portek International Limited rigwardanti kumpens jew serviġi reżi u għalhekk hija totalment estranea għall-istess;*

(iii) *Illi fil-fatt ma hemm ebda kumpens għal serviġi dovuti lill-atturi da parti tas-soċjeta' esponenti;*

(iv) *Illi inoltre l-attur qatt ma ġie inkarigat mill-esponenti sabiex jagħtih xi servizz u lanqas intrabat mal-esponenti sabiex jipprestalu xi servizz;*

(v) *Illi mingħajr preġudizzju m'huwiex minnu li kien permezz tas-serviġi allegatament reżi mill-attur li llum is-soċjeta' konvenuta Valletta*

*Gateway Terminals Limited qed topera l-cargo handling tal-Port tal-Belt Valletta;*

*(vi) Illi mingħajr preġudizzju l-attur għandu jressaq prova dwar effettivament x'servizzi rrenda lill-esponenti;*

*(vii) Salv eċċezzjonijiet oħra permessi mil-liġi.*

4. Rat illi fit-28 ta' April 2008, s-soċjeta' Valletta Gateway Terminals Limited laqgħet għal dak mitlub billi qajjme is-segwenti difizi:

*(i) Illi preliminarjament is-soċjeta' Valletta Gateway Terminals Limited għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju in kwantu l-istess soċjeta' konvenuta fiż-żmien meta sar l-allegat ftehim bejn l-attur Michael Spiteri u s-soċjeta' konvenuta l-oħra Portek International Limited ma kinitx għadha ġiet inkorporata jew reġistrata u għaldqstant qatt ma setgħet tidħol f'relazzjonijiet legali mal-attur;*

*(ii) Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu ma hemm ebda kumpens għal servizzi dovuti lill-atturi;*

*(iii) Illi inoltre l-attur qatt ma ġie inkarigat mis-soċjeta' esponenti sabiex jagħtiha xi servizz u lanqas intrabat mas-soċjeta' esponenti li jippréstalha xi servizz;*

*(iv) Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u b'referenza għal paragrafi numru 2 u 3 tar-rikors ġuramentat m'huwiex minnu li kien assista lis-soċjeta' esponenti f'kull pass u lanqas huwa minnu li permezz tas-serviġi allegtament reżi mill-attur li llum is-soċjeta' esponent qed topera l-cargo handling tal-Port tal-Belt Valletta;*

*(v) Illi mingħajr preġudizzju l-attur għandu jressaq prova dwar effettivament x'servizzi rrenda u dwar kif l-allegati servizzi li rrenda wasslu lis-soċjeta' esponenti tieħu konċessjoni mill-awtorita' Marittima ta' Malta f'Ġunju 2006 fir-rigward ta' cargo handling fil-Port tal-Belt Valletta;*

*(vi) Salv eċċezzjonijiet oħra permessi mil-liġi.*

5. Rat illi fis-7 ta' Diċembru 2007, fl-atti ta' Ittra Uffiċjali ippreżentata fid-29 ta' Novembru 2007 mir-rikorrent, ġew maħtura Dr Anthony Cutajar u l-PL Hilda Ellul Mercer bħala Kuraturi Deputati għas-soċjeta' estera Portek International Limited. Notifikat bl-atti tal-proċeduri odjerni l-14 ta' Mejju 2009 (fol 185), huma għaddew sabiex, fit-18 ta' Mejju 2009, ippreżentaw l-eċċezzjonijet tagħhom fejn qalu s-segwenti:

1. *Illi f'dan l-istadju mhux edotti mill-fatti u għalhekk jirriżervaw li jippreżenta risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxilhom jikkomunikaw mal-assenti minnhom rappreżentata u f'dan ir-rigward minn issa jitolbu lir-rikorrenti jipprovdu jekk għandhom indirizz tal-assenti intimata u/jew numru tat-telephone jew fax jew email address tal-istess.*

6. Rat illi fil-25 ta' Mejju 2009 (fol 298), s-soċjeta' Valletta Gateway Terminals Limited ippreżentat nota fejn talbet tassumi l-kurazija ta' Portek International Limited u fis-7 ta' Lulju 2009, s-soċjeta' intimata Valletta Gateway Terminals Limited tat ruħha notifikata, bħala kuratur tas-soċjeta' Portek International Limited, filwaqt illi ngħatat għoxrin jum sabiex tippreżenta d-difiża tagħha. (fol 269)

7. Rat l-eċċezzjonijet tas-soċjeta' Portek International Limited ippreżentati fis-27 ta' Lulju 2009, fejn l-istess soċjeta' estera laqgħet għal dak mitlub billi qajjmet is-segwenti difiżi: (fol 271)

   *(i)* *Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt;*

   *(ii)* *Illi l-attur qatt ma ġie inkarigat mis-soċjeta' esponenti sabiex jagħtiha xi servizz u lanqas intrabat mas-soċjeta' esponenti li jipprestalha xi servizz;*

   *(iii)* *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u b'referenza għall-paragrafi numri 2 u 3 tar-rikors ġuramentat m'huwiex minnu li kien assista lis-soċjeta' esponenti f'kull pass u lanqas huwa minnu li permezz tas-serviġi allegatament reżi mill-attur li llum is-soċjeta' Valletta Gateway Terminals Limited qed topera l-cargo handling tal-Port tal-Belt Valletta;*

   *(iv)* *Illi mingħajr preġudizzju l-attur għandu jressaq prova dwar effettivament x'servizzi rrenda u dwar kif l-allegati servizzi li rrenda wasslu lis-soċjeta' Valeltta Gateway Terminals Limited tieħu konċessjoni mill-Awtorita' Marittima ta' Malta f'Ġunju 2006 fir-rigward ta' Cargo Handling fil-Port tal-Belt Valletta;*

   *(v)* *Salvi eċċezzjonijiet oħra permessi mil-liġi.*

## Provi

8. Rat illi fl-14 ta' Mejju 2008, l-Qorti appuntat lill-Dr Anna Mallia bħala Assistent Ġudizzjarju sabiex tisma' l-provi kollha f'din il-kawża. (fol 17)

9. Rat l-affidavit ta' **Michael Spiteri** flimkien ma' dokumentazzjoni ppreżentata quddiem l-Assistent Ġudizzjarju fl-24 ta' Settembru 2008. (fol 18)

10. Rat ix-xhieda ta' **Anthony Caruana**, Operations Manager mal-Malta Maritime Authority, prodott mir-rikorrent quddiem l-Assistent Ġudizzjarju fit-2 ta' April 2009 u rat id-dokumentazzjoni minnu prodotta. (fol 189 sa 367)

11. Rat ix-xhieda ta' **Sylvan Fenech**, prodott mir-rikorrenti u mogħtija quddiem l-Assistent Ġudizzjarja fil-25 ta' Jannar 2010. (fol 280)

12. Rat ix-xhieda ta' **Ricky Young**, prodott mir-rikorrenti u mogħtija quddiem l-Assistent Ġudizzjarja fit-3 ta' Mejju 2010. (fol 291)

13. Rat ix-xhieda ulterjuri ta' **Ricky Young**, prodott mir-rikorrenti u mogħtija quddiem l-Assistent Ġudizzjarja fil-31 ta' Mejju 2010. (fol 302)

14. Rat ix-xhieda ta' **Lai Wye Keong**, prodott mir-rikorrenti u mogħtija quddiem l-Assistent Ġudizzjarja fit-28 ta' Ġunju 2010. (fol 311)

15. Rat ix-xhieda ulterjuri ta' **Lai Wye Keong**, prodott mir-rikorrenti u mogħtija quddiem l-Assistent Ġudizzjarja fl-24 ta' Marzu 2011 (fol 316) u rat ukoll id-dokumentazzjoni eżebita mir-rikorrent u murija lill-istess xhud. (fol 321 sa 354)

16. Rat ix-xhieda ulterjuri ta' **Lai Wye Keong**, prodott mir-rikorrenti u mogħtija quddiem l-Assistent Ġudizzjarja fit-28 ta' April 2011. (fol 355)

17. Rat illi fil-15 ta' Frar 2012, wara illi l-inkariku ta' Dr Anna Mallia bħala Assistent Ġudizzjarju kien intemm, l-Qorti appuntant lil Dr Anna Mallia bħala Perit Legali biex tkompli tisma' l-provi u tirrelata dwar il-każ. (fol 363)

18. Rat ix-xhieda ta' **Silvan Fenech**, prodott mir-rikorrenti u mogħtija fl-24 ta' April 2012 quddiem il-Perit Legali Dr Anna Mallia. (fol 364)

19. Rat ix-xhieda ta' **Dr Chris Spiteri**, rappreżentant ta' Transport Malta, prodott mir-rikorrenti u mogħtija quddiem il-Perit Legali fil-21 ta' Mejju 2012. (fol 380)

20. Rat ix-xhieda ta' **Silvan Fenech**, prodott mir-rikorrenti u mogħtija fid-29 ta' Ottubru 2012 quddiem il-Perit Legali. (fol 409)

21. Rat l-affidavit ulterjuri ta' **Michael Spiteri**, ippreżentat fit-12 ta' Lulju 2013, fejn l-istess rikorrent għarraf illi ma kellu ebda provi orali ulterjuri. (fol 420)

22. Rat il-kontro eżami ta' **Michael Spiteri** illi saret quddiem il-Perit Legali fl-20 ta' Novembru 2013. (fol 429)

23. Rat il-kontro eżami ulterjuri ta' **Michael Spiteri** illi saret quddiem il-Perit Legali fit-2 ta' April 2014 (fol 435) u rat id-dokumentazzjoni eżebita mill-istess Spiteri waqt ix-xhieda tiegħu. (fol 441 sa 451)

24. Rat il-kontro eżami ulterjuri ta' **Michael Spiteri** illi saret quddiem il-Perit Legali fl-24 ta' Settembru 2014. (fol 453)

25. Rat il-kontro eżami ulterjuri ta' **Michael Spiteri** illi saret quddiem il-Perit Legali fil-15 ta' April 2015 (fol 462) u rat id-dokumentazzjoni eżebita mill-istess Spiteri waqt ix-xhieda tiegħu. (fol 464 sa 475)

26. Rat il-kontro eżami ulterjuri ta' **Michael Spiteri** illi saret quddiem il-Perit Legali fid-29 ta' April 2015 (fol 476) u rat id-dokumentazzjoni eżebita mill-istess Spiteri waqt ix-xhieda tiegħu. (fol 480 sa 481)

27. Rat il-kontro eżami ulterjuri ta' **Michael Spiteri** illi saret quddiem il-Perit Legali fit-13 ta' Ottubru 2015 (fol 484) u rat id-dokumentazzjoni eżebita mill-istess Spiteri waqt ix-xhieda tiegħu. (fol 490 sa 498)

28. Rat ix-xhieda ta' **Ray Fenech**, prodott mill-intimati u mogħtija quddiem il-Perit Legali fl-10 ta' Marzu 2016 (fol 509) u rat id-dokumentazzjoni minnu eżebita. (fol 512 sa 523)

29. Rat ix-xhieda, in kontro eżami, ta' **Ray Fenech**, prodott mill-intimati u mogħtija quddiem il-Perit Legali fit-2 ta' Mejju 2016 (fol 502) u rat id-dokumentazzjoni minnu eżebita. (fol 503 sa 506)

30. Rat ix-xhieda ta' **Ray Sladden**, prodott mill-intimati u mogħtija quddiem il-Perit Legali fit-13 ta' Mejju 2016. (fol 507)

31. Rat ix-xhieda ulterjuri ta' **Ray Sladden**, prodott mill-intimati u mogħtija quddiem il-Perit Legali fil-31 ta' Mejju 2016 (fol 530) u d-dokumentazzjoni minnu ppreżentata. (fol 535 sa 544)

32. Rat ix-xhieda in kontro eżami ta' **Ray Sladden**, mogħtija quddiem il-Perit Legali fid-19 ta' Lulju 2016. (fol 545)

33. Rat ix-xhieda ulterjuri in kontro eżami ta' **Ray Sladden**, mogħtija quddiem il-Perit Legali fil-25 ta' Ottubru 2016. (fol 548)

34. Rat ix-xhieda in kontro eżami ta' **Silvan Fenech**, mogħtija quddiem il-Perit Legali fis-17 ta' Frar 2017. (fol 556A kif ukoll fol 560)

35. Rat ix-xhieda in ri-eżami ta' **Silvan Fenech**, mogħtija quddiem il-Perit Legali fl-4 ta' April 2017. (fol 556D kif ukoll fol 558)

36. Rat ix-xhieda ta' **Doreen Curmi**, prodott mill-intimati u mogħtija quddiem il-Perit Legali fis-27 ta' Lulju 2017. (fol 563)

37. Rat ix-xhieda in kontro eżami ta' **Doreen Curmi**, mogħtija quddiem il-Perit Legali fil-21 ta' Novembru 2017. (fol 578)

38. Rat ix-xhieda ulterjuri in kontro eżami ta' **Doreen Curmi**, mogħtija quddiem il-Perit Legali fit-30 ta' Jannar 2018. (fol 581)

39. Rat ix-xhieda in kontro eżami ta’ **Lai Wye Keong**, mogħtija quddiem il-Perit Legali fit-2 ta’ Awissu 2018. (fol 587)

40. Rat illi fit-8 ta’ Novembru 2018, il-partijiet qablu quddiem il-Perit Legali, illi provi ulterjuri ma kellhomx u setgħu jagħmlu s-sottomissjonijet tagħhom bil-miktub qabel ma l-Perit Legali tirrelata.

41. Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub tal-abbli difensur tar-rikorrenti, ippreżentati fis-6 ta’ Ġunju 2019. (fol 599)

42. Rat illi dina l-Qorti, kif ippresjeduta, ħadet konjizzjoni tal-każ fis-7 ta’ Ottubru 2019.

43. Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub ta’ l-abbli difesur ta’ l-intimat, ippreżentati fil-31 ta’ Ottubru 2019.

44. Rat ir-relazzjoni tal-Perit Legali ippreżentata u maħlufa fl-14 ta’ Lulju 2020. (fol 652 sa 804)

45. Rat illi fit-13 ta’ Ottubru 2020, il-partijiet talbu illi jagħmlu sottomissjonijiet ulterjuri quddiem dina l-Qorti, kif ippresjeduta.

46. Rat illi fit-12 ta’ Jannar 2021, ġew ippreżentati s-sottomissjonijiet bil-miktub ta’ l-abbli difensur tar-rikorrenti. (fol 807)

47. Rat illi fil-25 ta’ Frar 2021, ġew ippreżentati s-sottomissjonijiet bil-miktub ta’ l-abbli difensuri ta’ l-intimati. (fol 815)

48. Rat illi fit-28 ta’ April 2021, saret it-trattazzjoni orali da’ parte tal-abbli difensuri tal-partijiet permezz ta’ video conference.

49. Rat illi fit-28 ta’ April 2021, il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

## Fatti

50. Jirriżulta, mill-provi prodotti, illi r-rikorrent Michael Spiteri kien impjegat mas-soċjeta’ The Cargo Handling Co Limited bħala Port Delivery Clerk, u kien ilu jaħdem magħha għal ħafna snin.

51. Jirriżulta illi Silvan Fenech kien responsabbli għat-tmexxija tas-soċjeta’ TF Shipping Agencies, illi kienet infetħet mit-Tumas Group fis-sena 2005, u kien inkarigat imexxiha u jiżviluppa x-xogħol tagħha.

52. Jirriżulta illi, mument minnhom, ir-rikorrent Michael Spiteri kien avviċinat minn zijuh, Victor Spiteri, li qatt ma xehed quddiem dina l-Qorti, biex ir-rikorrent Spiteri jgħin lis-soċjeta’ TF Shipping Agencies u Silvan Fenech javviċina kumpannija

ġewwa l-Kuwait, United Arab Shipping Company, bil-għan illi jsiru l-aġenti tagħhom ġewwa Malta u jibdew joperaw minn Malta.

53. Jirriżulta illi, eventwalment, wara laqgħa ma' Silvan Fenech, ir-rikorrent mar il-Kuwait flimkien ma' l-istess Fenech, a spejjeż ta' Fenech, bil-għan illi jinġieb xogħol mis-soċjeta' United Arab Shipping Company – madanakollu, tali soċjeta' ma kinetx interessata tagħmel xogħol mas-soċjeta' TF Shipping Agencies.

54. Jirriżulta illi sussegwentement, ir-rikorrent, minn żmien għal żmien, kien jgħarraf lil Silvan Fenech dwar klijenti interessanti u kien anke jikkomunika magħhom għan-nom tas-soċjeta' TF Shipping Agencies.

55. Jirriżulta illi, mument minnhom, il-Gvern kien ħareġ 'expression of interest' lill-kumpanniji lokali u barranin, sabiex jibdew joperaw il-Valletta Port Cargo Operations flok il-Cargo Handling Co Ltd, li magħha r-rikorrent kien impjegat.

56. Jirriżulta illi r-rikorrent għarraf lil Fenech dwar tali '*expression of interest'* u kien anke għamel kuntatt mas-soċjeta' Portek International Limited ġewwa Singapore għan-nom tas-soċjeta' TF Shipping Agency.

57. Jirriżulta illi, kuntattjati mir-rikorrent, is-soċjeta' intimata Portek International Limited wriet l-interess tagħha li tippreżenta '*expression of interest'* għax-xogħol propost mill-Gvern, li sar flimkien mas-soċjeta' intimata TF Shipping Agency.

58. Jirriżulta wkoll illi s-soċjeta' Portek International Limited qabbdet lis-soċjeta' intimata TF Shipping Agencies sabiex tassistiha f'xogħol relatat ma' żewġ cranes kbar illi hija kellha u li kellhom jinġiebu Malta w r-rikorrent assista lis-soċjeta' Portek International Limited, fil-kapaċita tiegħu ta' '*Operations Manager'* tas-soċjeta' TF Shipping Agency, għalkemm mhux impjegat ta' l-istess.

59. Jirriżulta illi wara li s-soċjeta' estera Portek International Limited ressqet l-interess tagħha biex tidħol għall-proġett propost mill-Gvern, l-istess soċjeta' estera għamlet '*joint venture'* flimkien mas-soċjeta' intimata JF Shipping Agencies, u ffurmat il-kumpannija Valletta Gateway Terminals Limited, liema kumpannija eventwalment ingħatat il-konċessjoni tal-port tal-Belt Valletta għal tletin sena f'Ġunju 2006.

60. Jirriżulta illi, għalkemm ir-rikorrent kien ressaq lis-soċjeta' Portek mas-soċjeta' intimata TF Shipping kif ukoll kien involut fil-proċess tal-'*expression of interest*', fejn għadda l-informazzjoni kollha illi kienet lilu rikjesta mis-soċjeta' Portek International Limited, wara illi l-joint venture stabbilita bejn is-soċjetajiet intimati Portek u TF Shipping ġiet indikata bħala kandidata mill-Gvern, ir-rikorrent ma baqax jiġi involut fid-diskussjonijet u negozjati mill-Gvern, għajr għal assistenza, minn żmien għal ieħor, dwar informazzjoni dwar ix-xogħol tal-port, fejn hu kien ilu jopera għal aktar minn ħamsa u għoxrin sena.

61. Jirriżulta illi, wara li s-soċjetajiet intimati Portek International Limited u TF Shipping Agencies ingħataw il-konċessjoni tal-port tal-Belt għal tletin sena, liema konċessjoni ngħatat lill-Valletta Gateway Terminals Limited, ir-rikorrent kien

impjegat bħala 'Port Deliver Clerk', posizzjoni li ġia kellu preċedentement fis-soċjeta' The Cargo Handling Co Limited u li ngħatat lilu in linea mal-obbligi assunti mis-soċjeta' Valletta Gateway Terminals Limited li jimpjegaw il-ħaddiema kollha ġia mpjegati mas-soċjeta' The Cargo Handling Co Limited, u dana għalkemm, mix-xhieda ta' Silvan Fenech mogħtija fil-25 ta' Jannar 2010, huwa kien qallu li kien jingħata "*kariga li jkun jistħoqqlok*" fi ħdan il-kumpannija l-ġdida (fol 284).

62. Jirriżulta illi tali assikurazzjoni kienet anke ingħatalu mis-soċjeta' intimata Portek International Limited, tramite Ricky Yong, illi kien il-persuna li kkomunika magħha r-rikorrent u li għamel it-trattattivi kollha mas-soċjeta' TF Shipping Agencies Limited u mal-Gvern u li eventwalment kien l-Operations Manager tal-Valletta Gateway Terminals Limited għal varji snin wara l-għoti tal-konċessjoni, fejn l-istess Yong, fl-1 ta' Marzu 2006 kiteb is-segwenti: (fol 4)

> *I, the undersigned MR Ricky Yong as a representative of Portek International Limited do recognize the services of Mr Michael Spiteri in bringing to conclusion several contacts in Malta which will lead to the ultimate tendering of the Valetta Port operations.*
>
> *In this regard, should the tender be awarded to Portek International Limited, Portek International Limited will consider Mr Michael Spiteri as part of their team subject to terms and conditions to be negotiated at a later stage and agreed by all relevant parties.*
>
> *Today 1 March 2006.*

63. Jirriżulta illi r-rikorrent beda jinsisti mas-soċjeta' Valletta Gateway Terminals Limited illi huwa kellu jingħata post maniġerjali fil-kumpannija, liema rikjesta iżda l-istess soċjeta' irrifjutat li tagħtiha u laħqitu biss bħala Senior Supervisor tas-Saħħa u Sigurta', liema posizzjoni r-rikorrent ma kienx kuntent biha.

64. Jirriżulta illi eventwalment, ir-rikorrenti nieda l-proċeduri odjerni għall-ħlas ta' serviġi minnu reżi u xi żmien wara irriżenja mill-post lilu mogħti.

## Konsiderazzjonijiet

65. Jirriżulta illi dina l-Qorti, diversament ippresjeduta, appuntat lill-Dr Anna Mallia bħala Perit Legali, wara illi ġia kienet qed tippresta s-servizzi tagħha ta' Assistent Ġudizzjarju fil-każ, liema Perit Legali, wara illi semgħet ix-xhieda tal-partijiet kollha kif prodotti quddiemha kif ukoll rat is-sottomissjonijiet legali taż-żewġ partijiet, wasslet għall-konklużjonijiet tagħha.

### *Silvan Fenech u Valletta Gateway Terminals Limited*

66. Jirriżulta illi, fil-konklużjonijet tagħha, l-Perit Legali wasslet għall-konklużjoni illi l-intimat Silvan Fenech kif ukoll is-soċjeta' intimata Valletta Gateway Terminals Limited kellhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju, filwaqt illi s-soċjetajiet TF Shipping Agencies Limited u Portek International Limited kellhom iħallsu serviġi lir-rikorrent għal servizzi minnu reżi lilhom.

67. Jirriżulta illi, dwar Silvan Fenech, l-Perit Legali tagħmel referenza għad-dikjarazzjoni illi għamel ir-rikorrent stess, liema dikjarazzjoni saret attwalment fix-xhieda tiegħu tat-13 ta' Ottubru 2015 u mhux tad-29 ta' April 2015 kif indikat mill-abbli Perit Legali, vide fol 485, fejn l-istess Fenech jgħid testwalment is-segwenti:

> *"Ma' Silvan Fenech jien ma kellix interessi nitolbu kumpens lilu. Lil TF Shipping kelli interess nitlob kumpens għax jiena introduċejtu l-kumpannija u TF Shipping sar operator tal-port."*

68. Huwa ċar illi r-rikorrent ma kien qiegħed jippretendi ebda kumpens mingħand Silvan Fenech, fatt ikkorroborat minn dikjarazzjoni tiegħu mogħtija bil-ġurament, liema dikjarazzjoni hija biss konferma tal-fatti kif stabbiliti quddiem dina l-Qorti.

69. Jirriżulta, għalhekk, illi l-konklużjoni milħuqa mill-abbli Perit Legali dwar il-pretensjoni kontra Silvan Fenech hija wahda korretta w l-istess Silvan Fenech għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju, a spejjeż tar-rikorrent.

70. Jirriżulta wkoll illi, għal dak illi jirrigwarda Valletta Gateway Terminals Limited, l-Perit Legali wasslet għall-istess konklużjoni, u dana abbażi tad-dikjarazzjoni illi għamel l-istess rikorrenti fix-xhieda tiegħu fuq ġia kwotata u mogħtija fid-29 ta' April 2015, fejn ir-rikorrent qal is-segwenti kliem:

> *" VGT ma kellix interess nitlobha kumpens. Ma' VGT impjegat kont u ġiet wara li ngħata t-tender."* (fol 485)

71. Huwa ċar, hawnhekk ukoll, illi r-rikorrent ma kien qiegħed jippretendi ebda kumpens mingħand Valletta Gateway Terminals Limited, fatt ikkorroborat minn dikjarazzjoni tiegħu mogħtija bil-ġurament, liema dikjarazzjoni hija biss konferma tal-fatti kif stabbiliti quddiem dina l-Qorti, fejn huwa ċar illi s-soċjeta' Valletta Gateway Terminals Limited ġiet iffurmata biss **wara** illi huwa għamel is-servizzi tiegħu u għalhekk qatt ma setgħet ibbenefikat minn xi servizzi tiegħu!

72. Jirriżulta, għalhekk, illi l-konklużjoni milħuqa mill-abbli Perit Legali dwar il-pretensjoni kontra Valletta Gateway Terminals Limited hija waħda korretta w l-istess Valletta Gateway Terminals Limited għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju, a spejjeż tar-rikorrent.

***Portek International Limited u TF Shipping Agencies Limited***

73. Jirriżulta illi l-abbli Perit Legali, fir-rapport dettaljat tagħha, wasslet għall-konklużjoni illi r-rikorrenti kien dovut kumpens għal servizzi minnu reżi.

74. Jirriżulta, iżda illi s-soċjeta' intimata TS Shipping Agencies Limited ġiet xolta b'mod volontarju, u dana b'effett mill-11 ta' Marzu 2014 (fol 505), u għalhekk l-Perit Legali għażlet illi ma tqisx ulterjorment id-difiżi ta' l-istess soċjeta' intimata filwaqt illi wasslet għal konklużjonijiet oħra, in konnessjoni mal-likwidazzjoni tal-ammont.

75. Jirriżulta illi, Ray Fenech, fix-xhieda tiegħu mogħtija fit-2 ta' Mejju 2016, xehed illi s-soċjeta' TF Shipping Limited kienet ġiet xolta, w ippreżenta dokumentazzjoni informali biex juri illi dana sar fil-11 ta' Marzu 2011. Madanakollu, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi, minn dakinhar sa llum, ma saret ebda talba da' parte ta' l-intimati sabiex il-posizzjoni legali, naxxenti minn tali deċiżjoni volontarja da' parte tas-soċjeta' TF Shipping Agencies Limited sabiex tiġi xolta, tiġi sanata jew regolata.

76. Jirriżulta wkoll illi tali xjoliment volontarju tas-soċjeta' TF Shipping Limited saret minnha u ġiet awtorizzata **<u>minkejja</u>** illi kien hemm il-proċeduri odjerni pendenti fil-konfront tagħha.

77. Il-Qorti għalhekk tqis illi, għalkemm informalment ġiet informata li s-soċjeta' TF Shipping Limited ġiet likwidata, dana ma għandux jitqies minn dina l-Qorti la darba ħadd mill-intimati ma għamel xejn biex jirregola l-posizzjoni kif ukoll għax, fil-mument meta ġiet imnieda l-azzjoni odjerna, s-soċjeta' TF Shipping Agencies Limited kienet teżisti u tagħmel il-qliegħ, u għalhekk il-każ kontra s-soċjeta' TF Shipping Agencies Limited għandu jibqa' jiġi kkunsidrat.

## Servizzi Reżi

78. Dina l-Qorti taqbel mal-konklużjoni milħuqa mill-abbli Perit Legali fejn ikkonkludiet illi r-rikorrent irrenda servizzi lis-soċjetajiet Portek International Limited u TF Shipping Agencies Limited, li kienu essenzjali sabiex eventwalment l-operazzjoni tal-portijiet tal-Belt Valletta jingħataw lis-soċjeta' Valletta Gateway Terminals Limited, li kienet soċjeta' kkreata bejn iż-żewġ soċjetajiet intimati.

79. Jirriżulta illi Ricky Yong, rappreżentant tal-Portek International Limited u persuna illi kien involut intrinsikament fil-proġett kollu, kellu dan xi jgħid dwar l-involviment tar-rikorrent fix-xhieda tiegħu mogħtija fit-3 ta' Mejju 2010 (fol 295):

> *I came to know that there was going to be the issue of the tender through Michael Spiteri, the plaintiff.*
>
> ...
>
> *Mr Spiteri helped us to prepare this expression of interest.*

80. Jirriżulta wkoll illi l-istess Ricky Yong jikkonferma illi r-rikorrent kien strumentali biex jagħtihom l-informazzjoni meħtieġa, permezz ta' questionnaire minnhom mibgħuta lilu, illi abbażi tagħha huwa għamlu l-'*expression of interest'*, dwar liema questionnaire Yong, mistoqsi kemm kien importanti tali questionnaire, jgħid "*on a scale from one to ten, ten being the most important, I would say seven*" (fol 296).

81. Jirriżulta li Yong jistqarr illi huwa kien taħt l-impressjoni li kien impjegat tas-soċjeta' TF Shipping Agencies Limited, u kien biss wara illi ġie a konoxxenza tal-fatt illi huwa ma kienx impjegat tagħha, għalkemm kien qiegħed jikteb għan-nom tagħha – fatt li juri biċ-ċar kemm kien importanti l-involviment tar-rikorrent fil-proċess li wassal għall-preżentazzjoni tal-'expression of interest' u eventwali għoti tal-konċessjoni.

82. Il-Perit Legali, fil-konklużjonijiet tagħha, tgħid dan li ġej: (fol 725)

> *Tenut kont taċ-ċirkosanzi kollha tal-każ, ċertament li l-attur irrenda serviġi fuq inkariku tal-konvenut TF Shipping għall-ewwel u sussegwentement fuq inkariku ta' Portek, li jimmeritaw li jiġu kkumpensati.*
>
> *Illi għal dak li jirrigwarda TF Shipping, ix-xogħol tal-attur kien li sab lil Portek u għamel dak kollu li talbuh sakemm ikkonvinċew ruħhom li għandhom japplikaw għall-expression of interest tat-tender.*
>
> *Illi minn dakinhar tas-submission tal-expression of interest tat-tender sakemm ġie ppreżentat il-bid, l-attur aktar ħadem ma' Portek mil-lat tekniku iżda tali informazzjoni ibbenefikaw kemm l-attur, kemm TF Shipping u Tumas Group, il-group li tiegħu TF Shipping kienet tifforma parti stante li l-att tekniku kien parti integrali tal-bid.*

83. Il-Qorti taqbel ma' tali konklużjoni, u taqbel illi r-rikorrent jimmerita illi jingħata ħlas għas-serviġi minnu reżi kemm lis-soċjeta' intimata Portek International Limited, kif ukoll lis-soċjeta' TF Shipping Agencies Limited.

## Quantum tas-Serviġi Reżi

84. Il-Qorti tibda biex tgħid illi ġie ampjament ippruvat li r-rikorrent kien offra s-servizzi tiegħu, liema servizzi eventwalment wasslu sabiex iż-żewġ soċjetajiet intimati, TF Shipping Agencies Limited u Portek International Limited jibbenefikaw mix-xogħol illi għamel ir-rikorrent u, finalment, ingħataw konċessjoni esklussiva tal-portijiet tal-Belt għal perjodu ta' tletin sena.

85. Tenut kont ta' tali fatt, il-Qorti ma tqisx illi għandha tagħmel distinzjoni bejn is-soċjeta' TF Shipping Agencies Limited jew s-soċjeta' Portek International Limited,

stante illi finalment, iż-żewġ kumpanniji ibbenefikaw ugwalment mis-servizzi reżi mir-rikorrent.

86. Għalhekk, kwalsiasi somma illi għandha tiġi likwidata, għandha tiġi sopportata miż-żewġ kumpanniji in solidum bejniethom.

87. Jirriżulta illi r-rikorrent, f'korrispondenza minnu mibgħuta lil Sylvan Fenech u ċirkolata mill-istess Fenech lis-soċjeta' Portek, fl-20 ta' April 2006 kien għamel is-segwenti rikjesta, dejjem fuq talba ta' Fenech: (fol 120)

> *As you have requested during our last meeting in your office, if the joint venture company between Portek International and TF/Tumas Group will be awarded the tender for Valletta Port operations, it would be very appreciated if the J V Company would grant me the position of an Operations Director following a 30 year service in the port industry.*
>
> *I would also request the JV Company a successful fee of Lm70,000* (ossija ftit aktar minn €163,000) *distributed in a ten year consecutive period.*
>
> *When you have the opportunity to study my requests, a meeting can be arranged with the JV Company and myself.*

88. Jirriżulta illi r-rikorrent qatt ma rċieva risposta dwar tali rikjesta, għalkemm jirriżulta illi kien ingħata posizzjoni ta' Senior Supervisor, li sussegwentement huwa rriżenja minnha u spiċċa tqis illi rriżenja mix-xogħol tiegħu.

89. Jirriżulta, mill-provi prodotti, illi bejn is-snin 2007 u 2016, is-soċjeta' Valletta Gateway Terminals Limited għamlet profitt nett ta' €6,752,767 filwaqt illi qasmet bħala '*dividends*' lill-azzjonisti tagħha, ossija s-soċjetajiet intimati fuq imsemmija, l-ammont ta' €3,241,725, ossija "average" ta' madwar €360,191 fis-sena.

90. Jirriżulta illi, fuq medda ta' tletin sena, tenut kont ta' tali "average", wieħed jista' raġonevolment jasal għal konklużjoni illi l-profitti 'previsti' huma ta' mhux anqas minn €10,805,750.

91. Jirriżulta illi r-rikorrent, fis-sottomissjonijiet tiegħu, ikkontenda illi l-kumpens lilu dovut għandu jkun ta' bejn wieħed fil-mija (1%) sa ħamsa fil-mija (5%) tal profitti illi s-soċjetajiet intimati kienu ser jiġġeneraw.

92. Jirriżulta illi l-abbli Perit Legali, fil-konklużjonijiet, waslet għal valutazzjoni abbażi tal-persentaġġ ta' wieħed fil-mija (1%), liema konklużjoni dina l-Qorti tqis hija waħda ġusta u ekwa u għalhekk ser tagħmel bħala tagħha.

93. Jirriżulta, madanakollu, illi l-abbli Perit Legali wasslet għal konklużjoni illi l-valur finali dovut lir-rikorrent għandu jkun 50% tal-persentaġġ fuq indikat, stante illi s-soċjeta' TF Shipping Limited ġiet xolta w s-soċjeta' Portek International Limited għandha biss terfa' nofs l-ammont dovut – dina l-Qorti ma tikkondividix tali argumentazzjoni, u dana għar-raġunijiet ġia fuq indikat, partikolarment illi s-

soċjeta' TS Shipping Agencies Limited ġiet **volontarjament** xolta fis-sena 2014 **minkejja** illi kienet ben a korrent tal-fatt illi kien hemm il-kawża odjerna pendenti, kif ukoll għax is-soċjeta' kienet teżisti fil-mument illi bdiet il-kawża odjerna u ma jirriżulta ebda att, quddiem dina l-Qorti, ppreżentat mill-intimati, jew min minnhom, illi ġġib dana kollu a konjizzjoni tal-Qorti u jitlob li l-posizzjoni tiġi regolata.

94. Dina l-Qorti tqis illi l-kumpens dovut lir-rikorrent għandu jkun fl-intjier tiegħu, ossija wieħed fil-mija (1%) ta' €10,805,750, jigifieri mija u tmint elef, sebgħa mija u ħamsin Euro (€108,750), u mhux ħamsin fil-mija (50%) ta' tali somma, kif propost mill-abbli Perit Legali, liema somma hija dovuta lir-rikorrent mis-soċjetajiet Portek International Limited u TF Shipping Agencies in solidum bejniethom.

95. Il-Qorti tirrileva illi dana qiegħed isir sabiex, fi kliem il-Qorti tal-Appell Ċivili fil-kawża '**Anthony Cristina vs Eleonora Mizzi'** deċiża fis-27 ta' Marzu 2003, din il-Qorti hija obbligata illi

> *" ... tirradrizza l-inġustizzja li kienet issir lill-persuna li jistħoqqilha kumpens"*

**DECIDE:**

**Il-Qorti,**

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali w ix-xhieda u dokumentazzjoni prodotta;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri tal-partijiet kif ukoll semgħet is-sottomissjonijiet orali tagħhom;

Wara illi rat ir-relazzjoni ta' l-abbli Perit Legali;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tilqa'** l-ewwel eċċezzjoni ta' l-intimat <u>Sylvan Fenech</u>, u tilliberah mill-osservanza ta' ġudizzju, u dana a spejjeż tas-soċjeta' Portek International Limited;

**Tilqa'** l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjeta' intimata <u>Valletta Gateway Terminals Limited</u>, u tilliberaha mill-osservanza ta' ġudizzju, u dana a spejjeż tas-soċjeta' Portek International Limited.

**Tiċħad** l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjeta' <u>Portek International Limited</u> u <u>TF Shipping Agencies Limited</u>, u għalhekk;

**Tilqa'** t-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti unikament fil-konfront tas-soċjeta' Portek International Limited u TF Shipping Agencies Limited, u għalhekk;

**Tillikwida** s-serviġi reżi mir-rikorrent Michael Spiteri lis-soċjeta' intimati Portek International Limited u TF Shipping Agencies Limited fl-ammont ta' mija u tmint elef, sebgħa mija u ħamsin Euro (€108,750), u dana għar-raġunijiet fuq msemmija, u għalhekk;

**Tikkundanna** lis-soċjetajiet intimati Portek International Limited u TF Shipping Agencies Limited in solidum bejniethom sabiex iħallsu lir-rikorrenti Michael u Mariella konjuġi Spiteri, is-somma ta' **mija u tmint elef, sebgħa mija u ħamsin Euro (€108,750)**;

**Imgħax** mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

**Spejjeż** kollha jkunu a kariku tas-soċjeta' Portek International Limited.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**